MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 175/1999/1

**A B**
**vs**
**C B D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m' ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenuta.

Billi l-kontendenti ghandhom tifel minuri wiehed cioe, Zack B D, illi twieled fit-22 ta' Frar 1995.

Billi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f' dan is-sens moghti mis-

Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Settembru 1998, Dok. A.

Tghid l-istess konvenuta ghaliex m’ ghandhiex din il-Qorti :-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta martu.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri tal-kontendenti Zack B D tigi fdata lill-attur salv l-access tal-konvenuta fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur ragel taghha, ghalih u ghall-imsemmi tifel minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet ta’ l-attur, pagabbli mill-konvenuta lill-istess attur fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur, minflok dan il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attur jkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenuta.

5. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-komunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-

istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta billi, okkorrendo ghal finijiet ta’ din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jipprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni kollha dotali u parafernali tieghu u separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.

8. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attur.

9. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda ;

Rat li l-konvenuta ghazlet li tibqa’ kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma’ martu l-konvenuta ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 38 u 40 tal-Kap.16.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur, cittadin Ingliz, izzewweg lill-konvenuta, cittadina Maltija, fl-20 ta’ Ottubru 1991 f’ Malta,

u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel Zack fit-22 ta’ Frar 1995.

Illi, ghalkemm inizjalment iz-zwieg kien jidher li sejjer tajjeb, fs-sena 1997 l-attur beda jissuspetta li l-konvenuta kellha relazzjonijiet extra matrimonjali, u dana wara li beda jinnota certu bruda minn naha taghha fil-konfront tieghu, anke fejn jidhlu r-relazzjonijiet intimi, kif ukoll sab ritratt ta’ ragel fil-kexxun tal-hwejjeg ta’ taht ta’ martu, liema ritratt pero’ ma giex esebit. Huwa jghid ukoll li martu kienet tohrog mal-hbieb regolarment filghaxija u anke ra kambjament fl-istil ta’ l-ilbies taghha li ddeskriva bhala ‘revealing clothing’.

Minn naha taghha l-konvenuta tinnega li f’ dak iz-zmien hija kellha relazzjoni extra matrimonjali. Hi spjegat li kienet tahdem hafna fin-negozju tal-familja, filwaqt li l-attur ma riedtx jahdem, tant li l-piz finanzjarju tal-familja waqa’ kollu fuqha bir-rizultat li kienet thallas il-kontijiet kollha hi mill-introitu taghha. Hi tghid li l-attur kien irresponsabbli fiz-zwieg stante li huwa qatt ma ghamel sforz biex jipprovdi jew almenu jikkontribwixxi ghall-htigijet tal-familja. Eventwalment hija ddejjqet b’ din is-sitwazzjoni u kienet informatu li kienet ser titlob is-separazzjoni.

Illi z-zewg partijiet irrikorrew ghas-Sekond Awla tal-Qorti Civili li b’ digrieti moghtija fil-11 ta’ Settembru 1998 awtorizzathom jipprocedu, u, pendente lite, fdat il-kura u kustodja tal-minuri lill-konvenuta u iffissat il-modalita’ ta’ access favur il-missier; u ordnat lill-konvenut li jissomministra retta alimentarja ghall-minuri fl-ammont ta’ Lm10 fil-gimgha oltre nofs l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni.

Illi, ghalkemm inizjalment l-attur kien ihallas il-manteniment, dan waqaf hesrem fl-ahhar ta’ Frar 2000, u fil-mori tal-proceduri siefer minghajr ma halla l-inidirizz tieghu fejn jista’ jigi kkuntattjat. Huwa ghadu msiefer sallum u l-konvenuta tghid li minn dak iz-zmien qatt ma hallas manteniment aktar u lanqas prova jghamel kuntatt maghha jew almenu ma’ ibnu, izda abbanduna l-familja tieghu kompletament.

Illi l-attur ressaq xhieda li jghidu li huma kienu jaraw lill-konvenuta tard bil-lejl gewwa Paceville fil-kumpanija ta’ l-irgiel. Il-konvenuta tichad kategorikament li qabel is-separazzjoni de facto hija kellha relazzjoni extra matrimonjali; izda tghid li “wara, kelli relazzjoni, wara li he disappeared”[1]

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi rigward il-kawzali bazata fuq l-artikolu 38 li jikkontempla l-kaz ta’ adulterju, jinsab ritenut mill-gurisprudenza kostanti li l-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-seprazzjoni personali; izda stante d-diffikulta’ tal-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista’ jigi ppruvat permezz ta’ indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precisi u konkordanti, b’ mod li ma jhallu ebda dubju f’ min ghandu jiggudika – izda ma hemmx bzonn ta’ testimonjanza de visu [*PA Rita Spiteri vs Avk.Dr.Albert Grech Vol.XXXVII.II.693; PA Rosina Micallef vs Angelo Micallef – 27.06.1964*]

Illi fil-kaz in disamina, apparti c-cahda kategorika da parti tal-konvenuta li dina kellha relazzjoni extra matrimonjali fiz-zmien tal-konvivenza ma’ zewgha, il-Qorti tosserva li l-provi zgur li ma jwasslux ghal prova ta’ adulterju da parti taghha, se mai, il-fatt li l-konvenuta kienet tiffrekwenta il-kumpanija ta’ l-irgiel gewwa Pacevilli tista’ titqies bhala ingurja gravi, kif huwa wkoll ingurja gravi fil-konfront ta’ l-attur il-fatt li, wara s-separazzjoni, hija kellha relazzjoni. Izda l-adulterju ma jirrizultax provat, la qabel is-separazzjoni de facto u lanqas wara.

Minn naha l-ohra pero’ il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li kien il-komportament ta’ l-attur li wassal lill-konvenuta sabiex dina tiddeciedi li tissepara minn mieghu. Mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kienet tahdem hafna fin-negozju tal-familja u kienet tipprovdi kollox hi ghal bzonnijiet tal-familja, inkluz il-hlas tal-kontijiet kollha, anke l-iskola [privata] tat-tifel ;

[1] Fol.124

filwaqt li minn naha tieghu l-attur ma kienx juri hegga sabiex jahdem, u kien jhalli l-piz kollu tal-familja fuq martu. Dan fih innifsu jikkostitwixxi sevizzi fit-temini ta' l-artikolu 40 fil-konfront ta' martu li sabet ruhha fil-posizzjoni li tahdem hafna u tistinka sabiex tmantni lill-familja taghha, inkluz lill-istess attur.

Il-Qorti tosserva li l-fatt li fil-mori tal-proceduri, wara Frar tas-sena 2000 l-attur abbanduna kompletament lil martu u lil binhom billi telaq minn Malta u ma halla ebda inidirizz fejn jista' jigi rintraccjat, u qata' kull kuntatt ma' ibnu, inkluz l-obbligu tieghu ta' manteniment kif fissat mill-Qorti, jghati konfort lit-tesi tal-konvenuta li huwa ftit li xejn kien jimpurtah mill-familja tieghu.  Dan l-abbandun ghandu karattru ingurjuz.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi, ma hemmx dubju li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u li ghal dan jahtu z-zewg partijiet.

**Kura u Kustodja**

Ma hemmx dubju li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li dana jibqa' jghix ma' ommu l-konvenuta u taht il-kura u kustodja taghha, tenut kont li din ilha tiehu hsiebu minn mindu twelid u nonostante l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet, u n-nuqqas totali ta' kooperazzjoni dan parti ta' l-attur li abbanduna l-familja tieghu u wkoll waqqaf hesrem il-kontribut tieghu ghall-manteniment ta' ibnu ; nonostante dan kollu, il-konvenuta baqghet tiehu hsieb il-minuri, inkluz li kompliet tibghatu skola privata ghas-spejjez unikament taghha. Id-dritt ta' access favur il-missier, li fil-prezent mhux rintraccjabbli, jibqa' preservat, izda l-modalita' tieghu jigi fissat fuq applikazzjoni appozita maghmula minnu lil din il-Qorti.

**Manteniment**

Illi l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili kienet fissat ir-rata alimentarja ta' LM10 fil-gimgha pagabbli mill-attur lill-konvenuta bhala kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri Zack. Mill-provi jirrizuzlta li wara s-separazzjoni de facto, l-attur ghamel xi zmien jahdem ta' taxi driver, izda fl-

ahhar ta’ Frar 2000 waqqaf hesrem il-pagament, u ghalhekk huma dovuti mill-attur arretrati ta’ manteniment bir-rata ta’ Lm10 fil-gimhga mill-1 ta’ Marzu 2000 sad-data ta’ dan il-gudizzju ; u, fic-cirkostanzi il-Qorti tordna li ghandu jibqa’ jhallas din ir-rata ta’ manteniment sa’ kemm mil-minuri jghalaq tmientax il-sena fil-22 ta’ Frar 2013.

Illi kif gustament osservat il-konvenuta, peress li f’ dan il-kaz jirrizulta car li ser ikun difficli hafna ghall-attrici li tigbor il-manteniment dovut ghall-minuri minghand l-attur assenti, hija opportuna u gusta fic-cirkostanzi l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 54[6] tal-Kap.16

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
*Assi* - Illi l-assi principali fil-komunjoni ta’ l-akkwisti hija d-dar matrimonjali Flat 13 Crescent Court, Triq l-Mtarfa, Mellieha mixtrija mill-konjugi permezz ta’ att ta’ self u kompravendita pubblikat fis-17 ta’ Jannar 1997 versu l-prezz indikat ta’ Lm12,500, u li fuqha ghadha tiggrava l-home loan mal-Bank of Valletta li qeda tithallas mill-konvenuta fl-intier taghha.

Illi rigward il-mobbli li hemm fid-dar konjugali, il-konvenuta tghid li dawn kienu nxtraw bi flus parafernali taghha. Dwar dan ma hemmx kontestazzjoni, kif lanqas hemm kontestazzjoni dwar il-pretensjonijiet l-ohra tal-konvenuta dwar l-aspett patrimonjali. Di fatti l-attur lanqas biss prezenta n-nota tieghu ndikanti l-pretensjoni tieghu f’ dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, ghalkemm in forza tal-prezunzjoni il-mobbli ghandhom jitqiesu bhala assi tal-komunjoni, il-konvenuta ghandha kreditu relattiv fil-konfront ta’ l-istess komunjoni.

*Passiv* -  L-attrici tispjega li hemm is-segwenti djun :
[1] Lm1,000 mal-HSBC in segwitu ta’ xiri ta’ van mill-attur ;
[2] Il-bilanc tal-home loan ;
[3] Lm2,020 mal-HSBC fuq visa cards intestati fuq l-attur;
[4] Lm1,600 arretrati ta’ kontijiet ta’ dawl u ilma u telefon ;

**Assenjazzjoni**

Illi kunsidrata l-htija ghas-separazzjoni personali, u wkoll ic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tikkunsidera gusta s-segwenti assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni, u tordna li ssir hekk :
[1] Illi s-sehem ta' l-attur mid-dar matrimonjali Flat 13 Crescent Court, Triq l-Mtarfa, Mellieha jigi assenjat in toto lill-konvenuta, b' mod li d-dar tkun proprjeta' tal-konvenuta fl-intier taghha ; u dana in parte sabiex l-attur jghamel tajjeb ghal-manteniment arretrat u futur dovut minnu ghal ibnu Zack, b' applikazzjoni ta' l-atikolu precitat ; u in parte peress li l-konvenuta qeda tigi ordnata taghmel tajjeb ghad-dejn kollu fuq indikat ; hlief ghal dak id-dejn kuntratt fuq isem l-attur biss, liema dejn ghandu jassumih biss l-attur. L-attur ghandu wkoll jassumi fuqu unikament, kull dejn li huwa kkuntratta ad insaputa tal-konvenuta.

[2] tassenja lill-konvenuta s-sehem ta' l-attur tal-mobbli kollha ezistenti fid-dar konjugali, u dana biex jghamel tajjeb ghall-kreditu tal-konvenuta fuq l-assi tal-komunjoni.

**Decide**

Ghal dan il-motivi tiddecidi kif ser jinghad :
[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b' effett mill-11 ta' Settembru 1998, ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet ;

[2] tilqa' t-tieni talba ;

[3] tichad it-tielet talba u minflok tordna li l-kura u kustodja tal-minuri jigu fdata f' idejn il-konvenuta, bid-dritt ta' access favur l-attur kif fuq spjegat taht l-intestatura 'Kura u Kustodja' ;

[4] tichad ir-raba talba ;

[5] tilqa' il-hames talba fis-sens li tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost ta' l-artikolu 48[1][a][b][d] tal-Kap.16

[6] tilqa' s-sitt talba u tillikwida l-komunjoni ta l-akkwisti b' effett mill-11 ta' Settembru 1998, u tordna li ssir l-

assenjazzjoni ta l-assi, attiv u passiv, kif fuq spjegat taht l-intestatura ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’ ;

[7] tichad l-ewwel parti tat-talba numru seba’ stante li ma ngabux provi f’ dan ir-rigward, filwaqt li tilqa’ t-tieni parti tat-talba ;

[8] tichad it-talba numru tmienja ;

[9] tilqa’ t-talba numru disa’ u tawtorizza lill-attur jirregistra fir-Registru Pubbliku din is-sentenza; u b’ referenza ghat-talba tal-konvenuta mghamula b’ rikors prezentat fit-3 ta’ Dicembru 2004 [fol.137] tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha “D”.

L-ispejjez jinqassmu bejn il-partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------